# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025**

**Numru 5**

**Rikors Numru 385/2021**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) u b'digriet datat 14 ta' Marzu 2024 qed tassumi l-atti s-soċjeta' 35 ◦ 14 ◦ Capital SCC p.l.c. taġixxi għan-nom ta' Cell Courus**

**vs**

1. **Real Time Real Estate Limited (C 18609), u**
2. **Edgar u Suzanne mizzewgin Mifsud (K.I. numri 402463(M) u 576763(M) u b'digriet datat 18 ta' Marzu 2022 ġew nominati kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil Edgar Mifsud u b'digriet tal-25 ta' April 2023 ġew estromessi l-kuraturi deputati Dr. Josette Sultana u l-PL Melissa Anastasi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Bank of Valletta p.l.c. (Is-Soċjeta' Attriċi) tas-26 ta' April 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f` kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Roland John Wadge data 2 ta` Awwissu 2000 (Dok. "A"), u

żewġ skritturi private datati 2 ta` Awwissu 2000 (Dok, B") u 12 ta` Lulju 2002 (Dok, "C", is-soċjeta` attriċi ikkonċediet faċilta` bankarji lis-soċjeta Real Time Real Estate Limited.

2. Illi s-soċjeta` attriċi tinsab kreditriċi tal-intimata soċjeta Real Time Real Estate Limited fis-somma ta` erbgħa u sebgħin elf, seb` mija u disat Ewro u Ċenteżmu (€74,709.01) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" ta` Real Time Real Estate Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (dok. "D1 sa D2") flimkien ma l-imgħatux ulterjuri mill-5 ta` Marzu 2021 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f` kuntratt magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Roland John Wadge data 2 ta` Awwissu 2000 (Dok."A") , u żewġ skritturi private datati 2 ta ` Awwissu 2000 (Dok."B") u 12 ta` Lulju 2002 (Dok, "C"), il-konventi Edgar u Suzanne miżżewġin Mifsud iggarentaw flimkien u "in solidum" ma ` Real Time Real estate Limited għal-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti tal- istess Real Time Real Estate Limited mal-Bank of Valletta p.l.c;

4. Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta` żewġ ittri uffiċjali datati 26 ta` Settembru 2019 li kopja tagħhom qed tiġi hawn eżebita u mmarkata Dok, "E" u Dok "F", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċċessarji u li jingħataw il - provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti għaliex m`Għandhiex Din il-Qorti Tilqa` t-talbiet tas-soċjeta` attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:

1. Tikkundanna lill-Konvenuti jħallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-soċjeta ` attiriċi is-somma ta` erbgħa u sebgħin elf, seba` mija u dista Ewro u ċenteżmu (€74,709.01) bilanċ għad-debitu fl-"*Overdraft Accoun*t" ta` Real Time Estate Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "D1 SA D2") flimkien ma` l-imgħax ulterjuri mill-5` ta Marzu 2021 sad-data ta` l-effettiv pagament.

   Mingħajr preġudizzju għall-somom oħra ta` flus dovuti mill-Konvenuti Edgar u Suzanne miżżewġin Mifsud lis-soċjeta attriċi li għalihom is-soċjeta attriċi qed tipproċedi f` ġuddizzju separat.
   Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali datati 26 ta` Settembru 2019 kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat li fid-19 ta' Novembru 2021, is-Soċjeta' Real Time Real Estate Ltd ġiet debitament notifikata iżda ma daħlet ebda risposta ġuramentata biex għalhekk waqgħet kontumaċi (a' fol 46 tergo).

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Suzanne Mifsud (il-konvenuta) tal-5 ta' Awissu 2021, liema risposta ossia eċċezzjonijiet ġew minnha irtirati (a' fol 539).

Rat li Edgar Mifsud (il-konvenut) ta ruħu b'notifikat bl-atti fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021 (a' fol 79). Iżda baqa' kontumaċi (a' fol 82).

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni li tressqu fil-perkors tal-Kawża.

Rat li minkejja li l-Qorti tat żmien utili lill-konvenuti kontumaċi biex jagħmlu nota ta' osservazzjonijiet baqgħu inadempjenti (a' fol 587).

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din hija kawża fejn il-Bank Attur, flokha assumiet is-Soċjeta' 35◦14◦ Capital SCC P.l.c.  għan-nom ta' Cell Couros, qed jitlob il-ħlas ta' kreditu fl-ammont ta' €74,709,01 navventi minn kuntratt fl-atti tan-nutar Roland John Wagde tat-2 ta' Awwissu 2000 (a' fol 5) u żewġ skritturi datati 2 ta' Awwissu 2000 u 12 ta' Lulju 2002.

Din il-kawża ilha issa pendenti ben tlett snin u fuqhom, kemm minħabba diffikulta' li ħolqu l-konvenuti għan-notifika u kif ukoll fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta biex fil-25 ta' Ottubru ta' din is-sena

irtirat l-eċċezzjonijiet kollha tagħha. Sakemm ma irtirathomx għamlet ħiltha biex tikkombatti t-talbiet attriċi. Issa jekk dan il-kombattiment kienx rejali jew messa in xena, il-Qorti ma tistax tgħid. Li tista' tgħid biss, li huwa aġir għal kollox deplorevoli li Kawża ttawlet daqstant biex fi stadju tant oltrat tal-Kawża, ir-risposta ġuramentata ġiet irtirata.

Fil-mertu, il-Qorti eżaminat l-atti u dokumenti, kif ukoll ix-xhieda mressqa, u waslet għall-konklużjoni li t-talbiet Attriċi għandhom jintlaqgħu pjenament.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti.

**Tilqa' it-talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-Soċjeta' Attriċi, illum 35◦ 14◦ Capital SCC P.l.c. għan-nom ta' Cell Couros, is-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, sebgħa mija u disgħa ewro u ċenteżmu (€74,709.01) bilanċ għad-debitu fl-"*overdraft Account*" ta' Real Time Real Estate Limited mal-Bank of Valletta illum dovut lill-imsemmija Soċjeta' 35◦ 14◦ Capital SCC P.l.c. għan-nom ta' Cell Couros, flimkien ma' l-imgħax mill-5 ta' Marzu 2021 sal-pagament effettiv.

Spejjes għall-konvenuti in solidum bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**